

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/603

tat-18 ta' April 2016

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (2) Fl-14 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, laħqu ftehim mal-Iran dwar soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) ser tiżgura n-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari Iranjan u tipprovi għat-tneħħija komprensiva tas-sanzjonijiet kollha relatati man-nuklear.
- (3) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni (UNSCR) 2231 (2015) li tapprova l-PAKK, tħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tagħha skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-PAKK u tipprevedi azzjonijiet li għandhom isiru f'konformità mal-PAKK.
- (4) Il-PAKK, kif approvat mill-UNSCR 2231 (2015), jipprevedi b'mod partikolari li l-Unjoni għandha tneħħi l-miżuri restrittivi fis-seħħ kontra ċerti persuni u entitajiet f'jum it-Tranżizzjoni (18 ta' Ottubru 2023), li hi d-data li tiġi 8 snin wara jum l-Adozzjoni (18 ta' Ottubru 2015) jew f'mument qabel abbażi ta' rapport mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) lill-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA u b'mod parallel lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li jiddikjara li l-IAEA kkonkludiet li l-materjal nukleari kollu fl-Iran kien għadu jintuża f'attivitajiet paċifiċi ("Konklużjoni Aktar Ġenerali").
- (5) Il-Kunsill irrevoda d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet rigward entità waħda li għandha tkun soġġetta għal miżuri restrittivi sa jum it-Tranżizzjoni u ddeċieda li għandha tiġi ssupplementata.
- (6) L-entrata fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tapplika sat-22 ta' Ottubru 2016.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 267/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 88, 24.3.2012, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

ANNEX

L-entrata li ġejja tiddaħħal fil-parti I.B tal-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 sat-22 ta' Ottubru 2016:

I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.

B. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"7a. (*)	Bank Saderat Iran (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Bank Saderat Tower, 43 Somayeh Ave, Tehran, Iran	Peress li ttratta ittri ta' kreditu tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) f'Marzu 2009, il-Bank Saderat kiser id-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1737 li indikat id-DIO u għalhekk kienet teħtieġ l-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi tagħha, u pprojbixxiet li jsiru disponibbli għaliha xi wieħed minn dawn. Billi ttrattat dawk l-ittri ta' kreditu, il-Bank Saderat assista wkoll lid-DIO fil-ksur tal-projbizzjoni li tinsab fil-UNSCR 1747 dwar l-akkwist u l-ġoti mill-Iran ta' kwalunkwe arma u materjal relatat.	
	(a) Bank Saderat PLC (London)	5 Lothbury, London, EC2R 7 HD, Renju Unit	Sussidjarja 100 % proprjetà tal-Bank Saderat	

(*) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/603, din l-entrata għandha tapplika sat-22 ta' Ottubru 2016."